MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 278/2004

**Richard Falzon.**

**vs.**

**Construct Furniture Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' April 2004 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fis-sena 2003 l-attur inghata appalt mis-socjeta` konvenuta sabiex jaghmel xoghol ta' *gypsum* u zebgha fuq *showroom* tas-socjeta` konvenuta.

Illi dan ix-xoghol inbeda f'Awissu 2003 u kien terminat f'Ottubru ta' l-istess sena;

Illi l-attur kien thallas parti mill-prezz pattwit ghax-xoghol tieghu izda ghad fadal bilanc x'jithallas ta' sebghat elef tmien mija u tnejn u tletin Lira u tlieta u tletin centezmu (Lm7,832.33), liema bilanc mhux qed jithallas mis-socjeta` konvenuta fuq il-pretest li l-attur ma spiccax ix-xoghol fiz-zmien miftiehem, u li x-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti;

Illi ghalhekk m'hemm ebda raguni valida sabiex il-bilanc hawn fuq imsemmi jigi mizmum mis-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li din hija debitrici lejn l-attur ghas-somma ta' sebghat elef tmien mija u tnejn u tletin Lira u tlieta u tletin centezmu (Lm7,832.33) bhala bilanc lilu dovut fuq appalt konkluziv.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma msemmija bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 2004 u bl-ispejjez kollha, inkluzi ta' l-ittra msemmija u ta' mandat ta' sekwestru numru 629/2004, kontra l-istess socjeta` konvenuta, li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur Richard Falzon a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. "A" prospett ta' l-ammont dovut; Dok. "B" - ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 2004; u Dok. "C" twegiba ghall-ittra ufficjali kollox kif jidher minn fol. 5 sa fol. 8 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar is-27 ta' April 2004 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Construct Furniture Limited datata 19 ta’ Mejju 2004 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi fix-xahar ta’ Lulju 2003 l-attur inghata appalt mill-esponenti sabiex jaghmel xoghol ta’ *gypsum* u zebgha go *showroom* ta’ l-istess esponenti, liema xoghol ta’ appalt ma giex ezegwit mill-attur skond is-sengha u l-arti kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Balzan hawn anness u mmarkat Dok.”A”, u r-rapport ta’ l-*Interior Designer* Andrew Azzopardi hawn anness u mmarkat Dok. “A1”; tant li l-kumpanija konvenuta sejra jkollha tqabbad nies ohra biex inehhu l-partijiet estensivi hziena li ghamel l-attur u jaghmlu xoghlijiet ohra u kawza ta’ dan baghtew danni konsiderevoli minhabba l-agir ta’ l-istess attur;

2. Illi dan ix-xoghol inbeda fix-xahar ta’ Lulju 2003 u kellu jitlesta sa l-ahhar ta’ Awissu 2003; sussegwentement kien hemm ftehim bejn l-attur u l-konvenut sabiex ix-xoghol jitlesta sa nofs ix-xahar ta’ Settembru 2003; ix-xoghol li ghamel l-attur ma tlestiex qabel il-bidu tax-xahar ta’ Novembru 2003 [ghalkemm kien difettuz], u konsegwentament il-konvenuti ma setghux jifthu x-*‘showroom’* u jezercitaw in-negozju taghhom ghal perijodu ta’ aktar minn xahar u nofs;

3. Illi l-kumpanija konvenuta ilmentat ma’ l-attur dwar ix-xoghol hazin mill-ewwel u l-istess attur mar jiddiskuti mad-diretturi tal-kumpanija konvenuta;

4. Illi l-konvenuti [qabel ma rrizulta li x-xoghol kien difettuz] hallsu lill-attur is-somma ta’ erbghat elef u hames mitt Lira (Lm4,500) kif jidher mill-kopji ta’ *cheques* hawn annessi u mmarkati Dok. “B1” – “B4”;

5. Illi minhabba l-agir ta’ l-attur, il-konvenuti soffrew danni kbar konsistenti fi hsarat, telf ta’ zmien, u negozju wieqaf, u ghalhekk qeghdin kontestwalment iressqu l-annessa kontro-talba fil-konfront ta’ l-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Construct Furniture Limited u l-lista tax-xhieda a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-**kontro-talba ta' Construct Furniture Limited** datata 19 ta' Mejju 2004 a fol. 17 tal-process fejn esponiet:-

Illi fix-xahar ta' Lulju 2003 huma nkarigaw lill-attur b'appalt sabiex jaghmel xoghol ta' *gypsum* u zebgha go *showroom* taghhom, 40, Industrial Estate, Luqa;

Illi dan ix-xoghol ta' appalt ma giex ezegwit mill-attur bil-mod kif kien inkarigat mill-kumpanija konvenuta; illi x-xoghol maghmul mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti tant li l-kumpanija konvenuta soffriet danni ghal-liema ghandu jirrispondi l-istess  attur, liema danni jikkonsistu skond kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Balzan hawn anness u mmarkat Dok. "A", u r-rapport ta' l-*Interior Designer* Andrew  Azzopardi hawn anness u mmarkat Dok. "A1"; tant li l-kumpanija konvenuta sejra jkollha tqabbad nies ohra biex inehhu l-partijiet estensivi hziena li ghamel l-attur u jaghmlu xoghlijiet ohra tant li baghtew danni konsiderevoli minhabba l-agir ta' l-istess attur;

Illi dan ix-xoghol inbeda fix-xahar ta' Lulju 2003 u kellu jitlesta sa l-ahhar ta' Awissu 2003 u ghalkemm sussegwentament kien hemm ftehim bejn l-attur u l-konvenut sabiex ix-xoghol jitlesta sa nofs ix-xahar ta' Settembru 2003, dan ix-xoghol ma tlestiex qabel il-bidu tax-xahar ta' Novembru 2003 [ghalkemm mhux b'mod tajjeb], u konsegwentament il-konvenuti ma setghux jifthu ix-*'showroom'* u jezercitaw in-negozju taghhom ghal perjodu ta' aktar minn xahar u nofs;

Illi minhabba l-agir ta' l-attur, il-konvenuti soffrew danni kbar konsistenti fi hsarat, telf ta' zmien, u negozju wieqaf, u ghalhekk qeghdin kontestwalment iressqu l-annessa kontro-talba fil-konfront ta' l-attur.

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta talbet li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara l-attur responsabbli ghat-telf ta’ negozju u profitti li soffrew il-konvenuti;

2. Tillikwida l-ammont ta’ telf ta’ negozju u profitt ta’ l-istess konvenuti;

3. Tiddikjara l-attur responsabbli ghad-danni kawzati minnu minhabba li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;

4. Tillikwida l-ammont ta’ danni hekk sofferti minhabba li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;

5. Tikkundanna l-attur sabiex ihallas l-ammont ta’ telf ta’ negozju u profitti, kif ukoll tad-danni sofferti;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-kontromandat u l-imghax minn meta kellu originarjament jitlesta x-xoghol, kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Construct Furniture Limited a fol. 19 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti esebiti minn fol. 20 sa fol.26 tal-process, li huma kopja tac-certifikati mahruga mill-perit Mario Balzan u *Interior Designer* Andrew Azzopardi li jindikaw li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur Richard Falzon ghall-kontro-talba tal-konvenuti datata 4 ta’ Gunju 2004 a fol. 27 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol sar skond il-ftehim u fi zmien ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz. Ix-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u jekk hemm dawn id-difetti lmentati dawn mhux htija ta’ l-eccipjenti u fi kwalunkwe kaz, jistghu jissewwew bi ftit xoghol.

2. Ghalhekk l-esponent ma kkawza l-ebda danni lis-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Richard Falzon.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-23 ta’ Gunju 2004 sad-29 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza kienet dejjem differita ghar-rapport tal-Perit Tekniku inkarigat Joseph Ellul Vincenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tas-seduta tas-27 ta’ Jannar 2006 fejn il-Perit Tekniku halef ir-rapport, sas-seduta tas-27 ta’ Gunju 2006 fejn fl-ahhar seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghas-7 ta’ Dicembru 2006.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku, bid-dokumenti annessi, ta’ A.I.C Joseph Ellul Vincenti pprezentat fl-14 Dicembru 2005 u mahluf *seduta stante* fil-5 ta’ Marzu 2006 kif jidher a fol. 47 tal-process, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluzi x-xhieda kollha quddiemu prodotta, tali rapport minn fol. 47 sa fol. 66 tal-process.

Rat ix-xhieda mizmuma minn sittax (16) il-seduta quddiem l-istess perit tekniku fejn fit-28 ta’ Lulju 2004 u 29 ta’ Lulju 2005 ma sar xejn, l-1 ta’ Ottubru 2004 fejn xehed Andrew Azzopardi, 8 ta’ Novembru 2004 fejn xehed Enrico Camilleri rappresentant tas-socjeta’ konvenuta u Joe Agius prodott mis-socjeta’ konvenuta; tal-25 ta’ Novembru 2004 fejn xehdet Bridget Agius u Paul Marmara’, *accountant* tas-socjeta’ konvenuta; tal-11 ta’ Jannar 2005 fejn l-istess Paul Marmara’ esebixxa id-dokumenti Dok. “PM 1” u Dok. “PM 2” konsistenti fi *“breakdown tas-sales”* tas-sena 2002 u 2003; tal-31 ta’ Jannar 2005 fejn l-istess Paul Marmara’ esebixxa d-dokumenti Dok. “PM 1” u Dok. “PM 2” konsistenti f’kopja tal-*‘audited accounts’* 2002 u 2003; tad-29 ta’ April 2005 fejn xehed l-istess Paul Marmara’ u l-attur Richard Falzon; 12 u 19 ta’ Mejju 2005 fejn xehed l-attur; tal-25 ta’ Mejju 2005 fejn xehed Stanley Falzon hu l-attur u 22 ta’ Gunju 2005 u 24 ta’ Ottubru 2005 fejn xehed inkontro-ezami; tas-16 ta’ Gunju 2005 fejn xehed Mark Parlato Trigona.

Rat il-verbal ta' l-access mizmum mill-istess Perit Tekniku datat 13 ta' Settembru 2004 u dak tal-access mizmum fit-18 ta' Lulju 2005.

Rat ix-xhieda tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti li xehed darbtejn in eskussjoni u bil-gurament.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur datata 4 ta' Lulju 2006 a fol. 222 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta datata 13 ta' Settembru 2006.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jithallas l-ammont ta' Lm7,832.33 bilanc minn somma akbar rappresentanti valur ta' appalt esegwiet mill-attur fuq ordni tas-socjeta' konvenuta konsistenti f'xoghol ta' *gypsum* u zebgha fuq is-*showroom* tas-socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta minn naha taghha qed tecepixxi li x-xoghol ma sarx fit-terminu miftiehem sa Awissu 2003, tant li tghid li dan kien lest biss fil-bidu ta' Novembru 2003 ghalhekk qed titlob id-danni, u wkoll li l-istess xoghol kien difettuz u mhux skond is-sengha u l-arti, tant li abbazi ta' l-istess ghamlet ukoll kontro-talba fejn talbet li l-attur jigi ddikjarat responsabbli ghad-danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol konsistenti f'telf ta' negozju u profiti ta' l-istess konvenut u talbet li tali ammont jigi likwidat u mhallas mill-attur lis-socjeta konvenuta u wkoll li l-attur jigi ddikjarat responsabbli ghad-danni kkawzati minnu ghall-xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti u

sabiex tali  ammont wkoll jigi likwidat u mhallas mill-attur lis-socjeta konvenuta.

Illi mill-provi prodotti dwar l-allegat dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol *da parte* ta' l-attur jirrizulta li ghall-ewwel jidher li kien hemm ftehim li dan ix-xoghol kellu jibda f'Lulju 2003 u jispicca f'nofs Awissu 2003, izda jidher li dan ma sehhx peress li qabel ma beda x-xoghol l-attur kellu jzarma s-saqaf qadim, u waqt ix-xoghol s-socjeta' konvenuta ziedet ix-xoghol li kellu jaghmel l-attur f'persentagg ta' mija fil-mija. Mhux hekk biss izda jirrizulta li l-attur kellu wkoll jieqaf biex jistenna haddiema ohra li kienu qed jahdmu fuq il-lant tax-xoghol, u wkoll kellu xi drabi jirranga l-hsarat li gew ikkagunati fix-xoghol mill-istess persuni nkarigati biex jaghmlu xoghol mis-socjeta' konvenuta.

Illi fil-fatt dwar dan il-punt ta' allegat dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol *da parte* ta' l-attur il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti rrelata b'dan il-mod:-

*"Kemm mix-xhieda ta' l-attur u tal-konvenuti, kif ukoll minn xhieda ohra, jirrizulta illi l-ewwel ftehim kien li x-xoghol jispicca ghall-ahhar ta' Awissu 2003 pero` din id-data ma setghetx tigi mizmuma mill-attur ghal tliet ragunijiet cioe`:-*

*a) Meta l-attur gie biex jibda sab li kellu jaghti gimgha zmien biex inehhi soffitt qadim u partitions qodma, qabel ikun jista' jibda x-xoghol miftiehem.*

*b) Waqt il-korsa tax-xoghol, il-volum tax-xoghol zdiedlu b'mija fil-mija peress li l-konvenut tah xoghol addizzjonali.*

*c) Terzi persuni, haddiema ta' kuntratturi ohra ikkagunaw hsarat li l-attur kellu jsewwi".*

*"Jirrizulta illi ma sar ebda ftehim iehor rigward meta kellu jispicca x-xoghol, xoghol li kien jinkludi ferm izjed minn dak miftiehem fil-bidu ta' l-appalt. Id-designer Andrew Azzopardi jghid biss li "x-xewqa tas-sidien kienet li x-xoghol jispicca f'nofs Settembru" pero` data miftehma ma kienx hemm.*

*Ghaldaqstant is-sottoskritt ihoss illi l-konvenuti ma jistghux jitolbu danni sofferti minnhom minhabba dewmien mill-attur Richard Falzon. Id-dewmien kien ikkagunat mill-konvenuti stess peress li dawn taw lill-attur ferm aktar xoghol milli kien miftiehem originarjament u dan minghajr ftiehem rigward "completion date".*

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku f'dan ir-rigward u fil-fatt minn dan kollu jidher li ma kienx tort ta' l-attur li x-xoghol ma spiccax f'Awissu 2003 izda dan kien dovut ghall-agir tas-socjeta' konvenuta li ghalhekk kienet responsabbli ghall-istess dewmien peress li kienet l-istess socjeta' konvenuta li tat xoghol izjed lill-attur, u kkreat ukoll, anke jekk ma rieditx taghmel hekk, ostakoli ghall-attur sabiex ilesti x-xoghol fit-terminu ndikat, u dan b'ingagg ta' persuni ohra fuq il-lant tax-xoghol li ostakolaw lill-attur fix-xoghol tieghu, apparti li jidher li kkawzaw hsara fl-istess xoghol, li l-attur kellu juza' l-hin tieghu biex jirranga. Jinghad ukoll li dwar ix-xoghol addizzjonali moghti lill-attur, li kien wiehed konsiderevoli, ma jirrizultax li kien hemm ftehim taz-zmien meta kellu jitlesta dan ix-xoghol, u ghalhekk fuq dan l-aspett tal-kawza u l-kontro-talba din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta f'dan ir-rigward ma gewx ippruvati u dak li gie allegat mis-socjeta' konvenuta f'dan il-kuntest qed jigi rigettat u michud u f'dan is-sens l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha, u parti mill-hames talba taghha in kwantu qed tirreferixxi ghall-istess u allegati konsegwenti danni, minhabba l-allegazzjoni li x-xoghol pattwiet ma tlestiex fit-terminu miftiehem, qed tigi wkoll michuda.

Illi dwar l-allegat xoghol hazin din il-Qorti, anke *stante* n-natura strettament teknika tal-kaz, tirreferi ghal dak li kkonkluda l-bravu perit tekniku l-A.I.C. Joseph Ellul Vincenti fejn sostna minn fol. 64 sa 66 tal-process li:-

*"Rigward il-kwalita' tax-xoghol maghmul mill-attur is-sottoskritt jikkonkludi hekk:*

*a) Re: Mewg fis-saqaf tal-gips:*

*Hu veru li meta titfi d-dawl eletriku u meta thares lejn is-saqaf minn gewwa kontra d-dawl ta' barra, tinnota li hemm bhal mewg hafif fis-saqaf. Dan il-mewg jidher biss fic-cirkostanzi hawn imsemmija u jekk ikun hemm id-dawl eletriku mixghul jew jekk thares lejn is-saqaf minn barra lejn gewwa dan il-mewg ma jidhirx".*

*b) Re: cracks fil-gips tas-suffitt:*

*"Hu veru li fis-suffitt hemm diversi qsim kemm fid-direzzjoni qosor kif ukoll f'direzzjoni fit-tul. Is-sottoskritt ihoss li dawn il-qsim m'humiex dovuti ghal air-conditioner ghax dawn jezistu kemm fil-vicinanza kif ukoll 'il boghod mill-air-conditioning units. Wiehed mill-fatturi li jikkagunaw dawn il-cracks jista' jkun li fil-joints ma tkunx saret reinforcing tape u ghalhekk malli x-xoghol jinxef jibda jigbed u jikkaguna l-qsim fis-saqaf li fil-fatt jezisti".*

*c) Kurvi fil-Bulkhead:*

*"Ta' min hawn jghid li l-kurvi tal-bulkheads kif iddisinjati mill-interior designer Andrew Azzopardi mhumiex kurvi geomettrici li jistghu jigu mfassla bi strumenti izda kif intqal kemm mill-attur kif ukoll minn Andrew Azzopardi il-kurvi kienu "free flowing curves" u ghalhekk mhux xi sorpriza li kurvi ma jkunux kompletament "free flowing" kif fil-fatt mhumiex "free flowing" ghal kollox".*

*d) Lining tal-hajt maqlub:*

*"Is-sottoskritt meta ccekja dan il-hajt bi spirit level, irrizulta li l-hajt mhux perfettament vertikali u ghandu daqxejn qlib li jigi notat biss bi strument mhux bil-ghajn".*

*"B'rizultat ta' dak li ntqal fil-para (a), (b), (c) u (d) is-sottoskritt ihoss u jghid li vera li x-xoghol maghmul mill-attur fil-fond tal-konvenuti mhux perfett ghal kollox izda id-difetti huma ta' natura zghira hafna u wiehed irid jiffitta biex jarahom u jinnuthom u ghalhekk is-sottoskritt hu ta' l-opinjoni li mis-somma dovuta lill-attur ta' Lm7,832.33 trid titnaqqas somma ta' ghaxra fil-mija biex taghmel tajjeb ghal tiswijiet li jridu fis-saqaf u zebgha ta' l-istess saqaf".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Montebello f'isimu proprio et nomine vs Max G Micallef proprio et nomine"** (P.A. (PS) 9 ta' Dicembru 2002 – Citaz. Numru 614/1987) li *"giet bosta drabi enuncjata l-osservazzjoni illi "kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kinitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kelliex leggerment tinjora dik il-prova." ("**John Saliba -vs- Joseph Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000; "**Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud**", Appell, 19 ta' Novembru 2001");*

Illi dan huwa konsistenti ma' dak li dejjem gie ritenut mill-Qrati nostrali tant li fil-kawza fl-ismijiet **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) - 28 ta' Frar 2002) fejn inghad:-

*"Illi huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami" (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001)".*

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

Illi fil-fatt abbazi tal-premess jidher li l-konkluzjoni tal-perit tekniku dwar l-aspett tekniku tal-vertenza odjerna huwa addirittura kategoriku u l-konkluzjoni hija wahda skjetta u cara, u dan gie kkonfermat ukoll fl-eskussjoni tal-Perit Tekniku datata 17 ta' Mejju 2006, fejn l-istess perit tekniku meta mistoqsi mill-abbli Dr. David Farrugia Sacco ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, ikkonferma li dak li huwa kkonstata huma difetti zghar u kien ghalhekk li fic-cirkostanzi kellu jsir tnaqqis ta' ghaxra fil-mija (10%) ta' l-ammont mitlub mill-attur fic-citazzjoni attrici. Ghalhekk fil-kaz in ezami l-opinjoni teknika hi wahda valida u ghalhekk hu l-kaz li l-Qorti taddottaha ghall-iskop tal-gudizzju taghha u dan fis-sens li l-ammont li s-socjeta' konvenuta qed tigi kkundannata thallas lill-attur tammonta ghal Lm7,050.10 (Lm7,832.33 – Lm782.23 = Lm7,050.10). Dwar il-kummenti tas-socjeta' konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha din il-Qorti tinnota li l-istess espert tekniku kien esplicitu dwar it-tnaqqis li ried isir tant li sostna li tali persentagg kellu jitnaqqas mis-somma ta' Lm7,832.33 *"biex taghmel tajjeb ghat-tiswijiet li jridu jsiru fis-saqaf u z-zebgha ta' l-istess saqaf'* u sabiex ghamel dan ma hemm l-ebda dubju li l-istess perit tekniku kkalkola l-istess valur ta' xoghol li huwa ssugerixxa li kellu jsir.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet tas-socjeta' konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak premess, tilqa' talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz u fl-ammont hawn indikat b'dan illi:-

1. Tiddikjara li din hija debitrici lejn l-attur ghas-somma ta' sebghat elef u hamsin Lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm7,050.10) bhala bilanc lilu dovut fuq appalt konkluziv.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma msemmija bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 2004 bl-ispejjes kollha, inkluzi ta' l-ittra msemmija u ta' mandat ta' sekwestru numru 629/2004, kontra l-istess socjeta` konvenuta,

Illi ghal dik li hija l-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta**, ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonjiet tal-attur datati 4 ta' Gunju 2004 ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod kompatibbli ma' dak hawn deciz anke *in vista* tac-citazzjoni attrici, **tichad l-ewwel u t-tieni talbiet kontenuti fil-kontro-talba,** u tilqa' t-tlett talbiet l-ohra fis-sens biss li mis-somma mitluba fic-citazzjoni attrici qed titnaqqas is-somma ta' ghaxra fil-mija (10%) biex taghmel tajjeb ghat-tiswijiet li jridu jsiru fis-saqaf u z-zebgha ta' l-istess saqaf, liema tnaqqis gie fil-fatt inkorporat f'din id-decizjoni konsegwenti ghall-ewwel talba tac-citazzjoni attrici bir-rizultat li minhabba tali tnaqqis, is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur l-ammont ta' sebghat elef u hamsin Lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm7,050.10), kif fuq kollox hemm indikat f'din is-sentenza konsegwenti ghall-ewwel talba fic-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jithallsu kwantu ghall-disa' parti minn ghaxra (9/10) mis-socjeta konvenuta u kwantu ghall-parti minn ghaxra (1/10) mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------